KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sitta (6)***

***Il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 6 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| Il-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| Il-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm

## 6.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġija.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 5 li nżammet nhar l-Erbgħa 9 t' Ottubru 2024.

6.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 5 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

6.2.3 Il-Kunsillier Steven Axisa ressaq proposta sabiex isir kors għan-nanniet bl-ispiża ta' €100. Il-ħlas għal dan il-kors jista' jkun ta' € 5euro. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju.

6.2.4 **Mozzjoni Numru 6-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 5

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsilliera Christine Dalli

Il-Minuti Numru 5 ġew approvati unanimament.

## 6.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti

### *A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 06(09) – Ottubru 2024*

6.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 06(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11535 sa 11601 kif ukoll cheque bin-numri 7250 sa 7252 li jammontaw €41,474.22

6.3.2 Il-Kunsillier Stephen Attard ippropona li l-Kunsill għandu jikkunsidra li meta jitlob kwotazzjonijiet għall-avvenimenti organizzati mill-istess Kunsill, għandu jikkunsidra r-residenti għaxqin.

6.3.3 Il-Kunsillier Stephen Attard kompla billi qal li l-istima tas-sound għall-attivita' tal-Ħeluween hija għolja u għaldaqstant talab spjegazzjoni. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li inġiebu tlett kwotazzjonijiet għal dan is-servizz u ingħata lill-kuntrattur bl-orħos offerta. Apparti s-sistema tas-sound inġieb ukoll generator.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa il-Kunsilliera Naomi Mizzi tablet li tkun skużata. (18:10)*

6.3.4 Il-Kunsillier Stephen Attard qal li s-Sindku għandu jagħti iktar spazju lill-Kunsilliera biex jaħdmu xi ħaġa huma biex jitwettqu ċertu xogħlijiet u avvenimenti.

6.3.5 Il-Vici Sindku Brian Xuereb sostna li f'kull attivita' li ssir f'isem il-Kunsill, għandu jkun hemm kulħadd waqt l-attivita'.

6.3.6 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ġibed l-attenzjoni li qed jinnota li qed ikun hemm ħafna direct orders. Huwa ppropona li jibdew jinġiebu iktar kwotazzjonijiet mingħand *suppliers* differenti.

6.3.7 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

6.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet xi pagamenti oħra urġenti li l-Kunsill irċieva wara li intbagħtet l-iskeda tal-Pagamenti. Tressqet invoice tal-ħlas tal-performance bonus tal-ħaddiema tas-CWSEF li tammonta għal €1947. Is-Sindku Karl Boxall qal li mill-ħaddiema hemm min jaħdem sewwa u hemm oħrajn li hemm ftit problemi u għaldaqstant dan ġie rifless fil-performance bonus tagħhom. Il-Kunsiller Stephen Attard qal li jekk il-Kunsill għandu nuqqas ta' ħaddiema, għandu jitlob lill-ħaddiema li qiegħed assenjat fil-ground tal-futbol biex minflok jibqa' hemm biss, jaħdem ukoll xogħlijiet ta' manutenzjoni li jiġi assenjat mill-Kunsill. Din il-proposta tista' tiġi kkunsidrata skond iċ-ċirkostanzi.
Tressaq ukoll il-pagament tar-Reġjun Nofsinhar li jammontaw għal €3278.22, €9077.50 u €436.60 rispettivament.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa, l-Kunsillier Steven Axisa talab li jiġi skużat minħabba kunflitt ta' interess fuq pagament li imniżżel fl-iskeda.*

6.3.9 **Mozzjoni 05-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 05(09) flimkien mal-pagamenti imsemmija f'materja 6.3.8

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

L-iskeda ta' pagamenti numru 06(09) ġiet approvata mill-membri preżenti.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa reġa' attenda fil-laqgħa il-Kunsillier Steven Axisa*

**6.4** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tat-Tielet Kwart Jan-Sett 2024***

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill b'mod virtwali.*

6.4.1 L-Accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri imniżżla fir-rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena.

6.4.2 Wara din l-ispjegazzjoni tressqet Mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-Rapport

Mozzjoni 05-03 : Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard
Sekondant: Il-Kunsillier Steven Axisa

Ir-Rapport tat-Tielet Kwart tas-Sena ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

**6.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

6.5.1 Is-Sindku Karl Boxall informa lil Kunsill li se ssir ħarġa għall-anzjani fil-gżira t'Ghawdex u l-preparamenti għaddejin. Huwa kompla billi qal li għal din l-attivita' sibna xi sponsors li se jkunu qegħdin jipprovdu t-trasport saċ-Ċirkewwa b'xejn. Huwa kompla billi qal li għal din attivita' hemm diversi sponsors oħrajn li taw rigali biex ikunu jistgħu jitilqgħu bil-polza lill-anzjani. Bil-flus li jinġabru mill-biljetti se jkunu qed jitħallsu il-kumplament tal-ispejjeż żgħar li jkun għad fadal għal din l-attivita'. Dwar dan il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

6.5.2 Is-Sindku Karl Boxall tkellem ukoll dwar il-party tat-tfal li se jsir ukoll f'Diċembru fejn talab lill-Kunsilliera Christine Dalli u Naomi Mizzi sabiex jieħdu ħsieb il-loġistika ta' dan il-festin. Waqt din l-attivita' se jkunu qed jitqassmu xi rigali li wkoll se jkunu sponsorjati.

6.5.3 Is-Sindku Karl Boxall ressaq il-kwotazzjoni għat-tiżjin il-ġdid tal-Milied li se jsir fi Triq Santa Marija. Tiżjin tal-Milied - kwotazzjoni

6.5.4 Is-Sindku Karl Boxall fakkar lill-Kunsill li l-ikla tal-Milied se ssir fit-12 ta' Diċembru 2024 fis-1pm filwaqt li filgħaxija hemm ukoll attivita' oħra ta' kuntrattur li stieden lill-Kunsill kollu għaliha.

6.5.5 Is-Sindku Karl Boxall fakkar li fis-7 ta' Diċembru fil-Knisja fis-7:15pm se jkun qed jittella' attivita' ta' Kor bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun. Il-Kunsill qabel li jistieden l-Għaqdiet u l-Kunsilli kollha li jaqgħu taħt ir-Reġjun tagħna.

6.5.6 Il-Kunsillier Steven Axisa fakkar ukoll fil-Gala Night li se jkun organnizzat mill-AKL biex min se jattendi jikkonferma.

6.5.7 Il-Kunsillier Steven Axisa qal li hu se jkun qed jattendi għal-Laqgħa tas-Sindki bħala rappreżentant tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Se jkun hemm ħlas żgħir għall-akkomodazzjoni. Il-Kunsill approva.

6.5.8 Is-Sindku Karl Boxall qal li immedjatament wara l-Milied irridu nibdew l-organizzazzjonijiet tal-Karnival għaldaqstant ippropona li jsir sotto kumitat tal-Karnival. Il-Kunsill se jkun qed itella' avviż fuq il-paġna soċjali għal min jixtieq ikun parti mis-sottokumitat tal-Karnival.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa il-Kunsillier Steven Axisa talab li jkun skużat (19:08)*

6.5.9 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba għal Bozza fi Trejqet ir-Rummien. Din il-bozza ġiet approvata. Kellu ukoll talba sabiex din l-istess triq issir 'one-way'. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta iżda għandna niddiskutu aktar fid-dettal it-*traffic management* b'mod ħolistiku. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li hemm bżonn li din il-materja tiġi diskussa fl-immedjat għax din qed tibqa' dejjem tiġi posposta u ma jiġi konkluż xejn. Kien hemm diskussjoni twila dwar kif għandhom isiru dawn l-arranġamenti iżda ma kien hemm ebda

qbil. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li din il-materja se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss wara li jsir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill kif ukoll mal-Project Manager.

6.5.10 Is-Sindku Karl Boxall qal li l-ġimgħa d-dieħla se tiġi organizzata l-attivita' mal-Eko-skola fejn se jitħawlu xi pjanti taż-żebbuġ fuq iz-zuntier tal-Knisja bl-għajnuna tat-tfal tl-iskola tagħna.

6.5.11 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li l-parking tad-disabled u tal-lottu li hemm fil-Pjazza se ssir fi Vjal il-Labour wara li jingħata t-tarmak. Huwa qal ukoll li ftiehem mal-kuntrattur sabiex jiżdied parkeġġ ieħor fit-tarf tat-triq.

## 6.6 Korrispondenza

6.6.1 Tressqet korrispondenza dwar SPI/SCI/8/2024 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025. Is-Sindku Karl Boxall ippropona li l-Kunsill japplika għal din l-iskema bil-proposta għal-Karnival tat-Tfal. Il-Kunsill Lokali għandu fil-ħsieb li jkabbar l-attivita' tal-Karnival tat-Tfal u jkompli jżid iktar divertiment għat-tfal li jipparteċipaw. Huwa kompla billi qalli li minkejja li l-Kunsill diġa' se jibbenefika mill-iSkema tal-Fondi ta' Attivitajiet Kulturali, dawn l-ispejjeż se jkunu qed ikopru l-Karnival Spontanju. Dan ġie kkonfermat mis-Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li taħt din l-iskema japplika għall-għajnuna finanzjarja għall-Karnival tat-Tfal. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal-fond massimu ta' €5000.

6.6.2 Tressqet kwotazzjoni li tammonta għal circa €4000 biex isiru l-cameras tal-Ground u l-ġonna tal-Housing Estate. Is-Sindku Karl Boxall qal li dawn huma bżonjużi ħafna li jiġu installati qabel il-ground jerġa' jinfetaħ. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni. Is-Sindku Karl Boxall qal ukoll li hemm bżonn jinbidlu l-cameras li hemm fil-bandli ta' quddiem l-iskola minħabba li mhumiex ċari. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn jinbidlu.

6.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Sindku Karl Boxall talab li jkollu laptop li jista' juża' fl-uffiċċju tiegħu għax-xogħlijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jinxtara laptop għall-Kunsill li jkun jista' jintuża' mis-Sindku.

## 6.7 Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15 fuq bażi full-time

6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wara li twettaq il-proċess kollu għall-ingaġġar ta'skrivan mal-Kunsill Lokali, il-Bord tal-Għażla ppropona li s-Sinjura Susan Bonnici timla dan il-post vakanti ta' skrivan/a wara li leħqet ir-rekwiżiti kollha mitluba għal din il-pożizzjoni.

6.7.2 Il-Kunsill approva unanimament l-proposta tal-Bord tal-Għażla biex is-Sinjura Bonnici tibda l-impjieg tagħha mal-Kunsill Lokali nhar it-18 ta' Novembru 2024.

**6.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

6.8.1 Il-Kunsillliera Christine Dalli pproponiet li ssir kompetizzjoni żgħira lit-tfal biex ipenġu tpinġija relatata mal-Milied u wara li tintagħżel l-isbaħ tpenġija, din titpoġġa fil-faċċata tal-Kartolina li l-Kunsill se jkunqiegħed iqassam fi żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel ma din l-inizzjattiva u se jkun qed itella' post fuq il-paġna soċjali biex jistieden lit-tfal jibagħtu t-tpinġijiet. Ir-Rebbieħ/a wara jingħataw rigal żgħir.

6.8.2 Il-Kunsilliera Christine Dalli ressqet proposta sabiex issir Treasure Hunt madwar ir-raħal bħala Team Building Activity. Bħala prezz ikun ta' Eur10 kull parteċipant u Eur5 għat-tfal. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li ssir din l-attivita' kif ukoll li jagħti il-premju lir-rebbieħa.

6.8.3 Il-Kunsilliera Christine Dalli pproponiet li t-telephone box li hemm fejn il-Kunsill issir Librerija żgħira. Hija qalet ukoll li l-Malta Libraries lesti li jtuna l-kotba b'xejn. Hija pproponiet li din issir bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Ghaxaq. Il-Kunsill approva.

6.8.4 Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li hemm persuna li avviċinatu li jixtieq jirrestawra il-Madonna li hemm fil-Bypass. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

6.8.5 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li qed jipprova jagħmel l-arranġamenti sabiex fis-central strip ta' Vjal il-Labour isiru arbli bi bnadar bħala dħul għal Pjazza. Huwa qal li qed jikkomunika mal-Enemalta biex jitneħħa l-arblu tad-dawl li bħalissa hemm biex ikun jista' jsir dan il-proġett. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**6.9 Mozzjonijiet**

6.9.1 Annessi mal-Minuti

**6.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

6.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Karl Boxall
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 6**

**Mozzjoni Ref:** 6-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 5

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

**Data:** 14 ta' Novembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 6**

**Mozzjoni Ref:** 6-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 06(09)

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Stephen Attard**
**Sekondant**

**Data:** 14 ta' Novembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 6**

**Mozzjoni Ref:** 6-03

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati ir-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart tas-Sena Jan-Sett 2024

**Stephen Attard**
**Proponent**

**Steven Axisa**
**Sekondant**

**Data:** 14 ta' Novembru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**